XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 442***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 70***
***1 ta' Ġunju 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

| | | |
|---|---|---|
| *Dr Monica Vella* | – | *Sindku* |
| *Joseph Vella* | - | *V/Sindku* |
| *Mr. Hubert Saliba* | – | *Kunsillier* |
| *Mr Teddy Mizzi* | -- | *Kunsillier* |
| *Dr Marthese Portelli* | - | *Kunsilliera* |

*(Joseph Vella ħareg fit-8:00pm)*

---------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

1. **Fiori d'Argenta**

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill bil-preparamenti kollha li kienu qed isiru għall-Fiori d'Argenta. Hija nfurmat ukoll li barra l-laqgħa li saret ġewwa l-Kunsill ma' Nancy Buhagiar Direttur tal-World Marketing hija kellha ukoll laqgħa Malta fl-ufficcju tal-World Marketing fil-25 ta' Mejju 2012 li għalija kien prezenti ukoll Darren Pace. Fil-laqgħa gie diskuss ir-riċetta tat-Torta tal-Bajtar ta' San Gwann kif ukoll dak kollu li kien meħtieġ biex issir din it-torta inkluz il-kobor tat-tular li fih ser issir it-torta. Fil-laqgħa ġie miftiehem ukoll li l-Erbgħa jew il-Ħamis 13 u 14 ta' Gunju kellha issir laqgħa oħra ma' Nancy għand id-dolcier Joe Aguis sabiex jiġu finalizati l-preparamenti kollha meħtieġa biex isir it-torta.

Is-Sindku reget għamlet kuntatt ma' Charles Borg biex isir re-enactment qasir dwar ix-Xewkija pero l-anqas dan is-suġġeriment ma ġie milqugħ. Għalhekk gie ikkuntatjat grupp mix-Xagħra sabiex jagħmel re-enactment dwar ix-Xewkija peress li dan il-grupp kien wera x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fil-Fiori d'Argenta. Ir-re-enactment ser ikun dwar il-bini tal-Knisja l-Antika kif ukoll il-Huġġieġa ta' San Gwann.

Peress li kien hemm l-ideja li ssir light show il-Kunsill kien gabar kwotazzjonijiet ghal-light show. Il-Kunsill beda jiddiskuti l-possibilita li f'din l-attivita' issir light show. Marthese Portelli iddikjarat li ġgandha interess prekunjarju u għalhekk ma ħaditx sehem biex tottempora ruha mal-artiklu 19 tal-Liġi dwar Kunsilli Lokali u ħarġet barra mill-kamra. Din il-materja kompliet tigi diskussa mill-erba' kunsilliera l-oħra. Il-Kunsill għazel Light Show Option 1 għall-prezz ta' €2,835.25.

## 2. Kiosks tal-Festa

Il-Kunsill irċieva talba mingħand Kevin Camilleri li għandu kiosk b'healthy food biex joqgħod aktar qrib il-Pjazza. Il-Kunsill iddeċida li jekk irid japplika għal posta għandu jkun wara l-kiosks l-oħra kollha fi Triq Guze D'Amato, fejn tpoġġew il-Kiosks is-sena l-oħra.

## 3. Il-Qniepen u l-Arloġġ tal-Knisja tax-Xewkija

Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand residenti rigward il-qniepen u l-arloġġ tal-knisja li qed jiġu mwaqqfa f'ċertu ħinijiet minħabba resident li joqgħod fil-qrib. Barra minn hekk Guseppa Cassar, Guza Vella u Helen Pace talbu laqgħa urġenti biex tiġi diskussa din il-materja. Il-laqgħa saret fit-28 ta' Mejju fl-12:00pm mas-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. L-imsemmija residenti qalu li riedu jagħmlu petizzjoni lil-Arċipriet dwar din il-materja peress li ma kienux jaqblu li l-arloġġ u l-qniepen tal-Knisja ma jibqgħux jindaqqu regolarment kif kienu jagħmlu fil-passat. Huma talbu li din issir f'isem il-Kunsill. Is-Sindku nfurmathom li filwaqt li l-Kunsill qieghed hemm biex jaghti ghajnuna shiha lir-residenti kollha, hija kienet ser tressaq it-talba tagħhom lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta li l-petizzjoni issir f'isem il-Kunsill għaliex il-knisja mhux propjeta' tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li l-petizzjoni għandha issir f'isem ir-residenti filwaqt li l-Kunsill ikun lest li jipprovdi l-karti u materjal neċessarji li jkun hemm bzonn sabiex issir l-petizzjoni.

## 4. Restawr ta' Ġnien Blankas

Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikteb ittra lill-Kuntrattur rigward ix-xogħol li ma ġiex ċertifikat bhala skond l-arti u s-sengha mill-perit. Il-Kunsill ser jibgħat lill-Kuntrattur ukoll ir-rapport li ġie mibgħut lill-Kunsill mill-perit. Il-Kunsill iddeċieda ukoll li jekk ix-xogħol ma jsirx kif suppost għandu jinzamm il-bank guarantee.

## 5. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 6. Ilmenti u Suġġerimenti

i. Is-Segretarja tal-Kunsill avzat lill-Kunsill li ġew misruqa 35 xitla minn dawk li kienu għadhom kemm tħawlu fejn il-monument ta' San Gwann fi Triq il-Ħamrija. Is-segretarja daħħlet rapport mal-Pulizija.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-bankini kien skada u għalhekk ix-xogħol tal-bankini ma kienx qed isir. Għalhekk kien hemm bzonn li toħroġ sejħa sabiex issiru l-bankini. F'dan ir-rigward, is-Sindku kienet diġa kelmet lill-Perit tal-Kunsill sabiex iħejji s-sejħa għall-offerti kemm jista' jkun malajr.

iii. Xi zmien ilu l-Kunsill kien ha deċizjoni li peress li d-dawl tal-playing field tal-barmil kien qed jiġi vandalizzat repetittivament u l-Kunsill kien qed jonfoq ħafna flus sabiex jerga' jagħmel l-imsemmi dawl, il-Kunsill kien kostrett ineħħi d-dawl kollu. Peress li daħlu xi ilmenti li f'dan il-playing field qed issiru xi abbuzi l-Kunsill iddecieda li jerġa' jagħmel id-dawl mill-ġdid. Il-Kunsill għandu jikseb stimi ta' dawl adattat li jkun fl-għoli biex kemm jista jkun ma jergax jiġi vandilazzat.

iv. Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xtieli ta' fuq iz-zuntier tal-Pjazza nixfu u oħrajn insterqu. Il-Kunsill ser jagħmilhom mill-ġdid u javza lill-Arcipriet li minn jieħu ħsieb ix-xtieli tal-genb tal-Knisja ghandu jiehu ħsieb dawn ukoll.

**14. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Dr Monica Vella |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |